MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Numru. 879/2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
MICHAEL SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Sultana, ta' 30 sena, bin missier mhux maghruf u Josephine nee' Sultana, imwieled Pieta' fis-16 t'April 1972, u joqghod 108, Triq Ponsombi, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 188572(M), u akkuzat talli fil-31 t'Awissu 2002 ghal habta ta' xil-kwarta ta' filghodu (00.15am), gewwa l-Belt Valletta minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Rosario Tonna mill-Belt Valletta f'perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Rosario Tonna, skond kif iccertifika Dr David Cachia MD, tal-isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artiklu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-gisem jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem tal-istess Christopher Polidano, u dan bi ksur tal-Artiklu 216(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli qabad strument li jaqta’ u bil-ponta (flixkun imkisser) kontra Rosario Tonna, u dan bi ksur tal-Artiklu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha, u dan bi ksur tal-Artikli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bil-kliem insulenta u hedded lil Anthony Pace u dan bi ksur tal-Artiklu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli b’hekk sar jitqies recidiv b’sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Novembru 1996 (Awla 5).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (ara fol 8 tal-process) u tal-imputat (ara fol 10 tal-process) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Camilleri, a fol 11 sa 15, jirrizulta illi fil-31 t’Awissu, il-Pulizija tal-ghassa tal-Belt giet infurmata mill-‘control

room' illi kien hemm glieda fit-Tico Tico Bar go Strada Stretta. PS 1417 acceda fuq il-post u rrizultalu li certu Rosario Tonna kien qala' daqqa ta' flixkun tal-birra, li kien ferut, li ttiehed l-isptar San Luqa b'karozza privata, li gie certifikat u ezaminat minn Dr David Cachia tal-isptar San Luqa, fejn kien misjub li qed isofri minn griehi ta' natura gravi.

Minn iktar indagni li twettqu mill-Pulizija, jirrizulta illi kien inqala' argument bejn Michael Sultana (l-imputat) u s-sid tat-Tico Bar, il-ghaliex illi l-'barman' kien qed jirrifjuta li jaghti aktar xorb alkoholiku lil Michael Sultana, stante li dan kien diga' fis-sakra. Michael Sultana ma accettax id-decizjoni tal-'barman' u beda jitkellem hazin u jidghi u anke ta daqqa ta' ponn lill-'barman'. Minn hawnhekk, il-'barman' qabad lil Sultana u keccih 'l barra mill-hanut u ghalaq il-bieb. L-imputat Sultana pero' baqa' jinsisti li jrid jidhol gewwa l-'bar' ghaliex kellu lit-tfajla tieghu hemmhekk. F'dan il-mument hareg Rosario Tonna minn gewwa l-'bar' u beda jipprova jikkalmah, izda Sultana tah daqqa ta' flixkun, dak il-hin qal li ra 'blackout' u beda jxejjer xi daqqiet b'dan il-flixkun, u Rosario Tonna spicca l-isptar.

L-imputat Michael Sultana gie nterrogat mill-Pulizija u rrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta' PS 1417 Stephen Tarpey, li f'liema stqarrija dan ammetta li kellu argument ma' Tonna u kien qabad flixkun u tah bih pero' jghid li dak il-hin kien ra donnu 'blackout'.

Ic-certifikat mediku rigwardanti il-griehi ta' Tonna gie mahrug minn Dr David Cachia u jinstab esebit bhala dokument PC1.

L-istqarrija tal-imputat, li tinstab a fol 16 u 17, hija esebita bhala dokument PC.

PS 1417 Stephen Tarpey ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Paul Camilleri, xehed li kien gie nfurmat mill-'control room' biex jaccedi ghat-Tico Bar, fejn irrizultalu li Rosario Tonna kien qala' xi daqqiet ta' flixkun, gie mehud l-isptar fejn gie ccertifikat li kien qed isofri minn griehi gravi. PS 1417

ikkonferma li huwa kellem lil Charles Pace, sid it-Tico Tico Bar, li kien infurmah li kien gie Michael Sultana flimkien mat-tfajla tieghu Suzanne, f’xil-kwarta ta’ filghodu (12.15am), u talab ghal ‘drink’ u nqala’ argument bejn Pace u Sultana. Charles Pace nforma lill-Pulizija li Sultana, waqt dan l-argument, kien tah daqqa ta’ ponn u ghalhekk Pace kien keccih ‘l barra mill-hanut.

PS 1417 xehed illi f’hin minnhom, Charles Pace sid il-hanut, u Rosario Tonna hargu barra mill-hanut biex jghidu xi persuni ohra li kienu fuq il-parti ta’ barra tal-hanut biex jidhlu gewwa. Kien f’dan il-mument li l-imputat qabad flixkun f’idu, kissru u ta bih lil Rosario Tonna. PS 1417 ikkonferma wkoll li kien kellem lill-imputat illi kkonfermalu l-verzjoni tieghu u ammetta illi qabad flixkun f’idu, u li beda jxejjer bih, pero’ ma kkonfermax illi ta bih lil Rosario Tonna.

PS 1417 ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija tal-imputat, gharaf il-firem u esebixxa l-okkorrenza dokument ST.

Charles Mizzi, a fol 28 et seq, xehed li huwa kien fit-Tico Tico Bar fid-data tal-incident, u kkonferma l-prezenza ta’ Rosario Tonna, ta’ Michael Sultana u sid il-hanut. Charles Mizzi xehed illi nqala’ argument bejn il-‘barman’ u Michael Sultana, u dan ghaliex il-‘barman’ ma riedx ikompli jservih id-‘drinks’, u li Michael Sultana rrabja minhabba f’dan. Illi Michael Sultana beda jitkellem hazin u beda jidghi u mbaghad Sultana gie mitfugh ‘l barra mill-hanut u l-‘barman’ ghalaq il-bieb. Charles Mizzi, a fol 33, xehed illi l-imputat pero’:

**‘rega’ rrezizta mal-bieb…jaghti jaghti jaghti sakemm kisser is-serratura tal-bieb.’**

A fol 35, Charles Mizzi xehed illi wara dan hareg ‘l barra mill-hanut u warajh hareg Rosario Tonna. Hemmhekk, Michael Sultana qabad flixkun tal-Budwieser, ta daqqa ta’ flixkun lil Rosario, li ntlaqat f’idu u f’dahru. Rosario Tonna ttiehed l-isptar San Luqa.

Charles Anthony Pace, a fol 38 et seq, sid il-hanut Tico Tico Bar fi Strada Stretta l-Belt, ikkonferma x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ta’ kif wasal l-imputat ghandu l-‘bar’, u kkonferma x-xhieda tieghu minn fol 38 sa 48. Xehed dwar kif Michael Sultana kien imlahlah sew, kif diga’ kellu tazza mimlija xorb alkoholiku u xtaq ohra u hu rrifjuta, kif minn hemmhekk beda bl-argument u beda bil-kliem offensiv, kif imbaghad Michael Sultana xejjirlu daqqa ta’ ponn, kif hu hargu ‘l barra u kif imbaghad korra lil Rosario Tonna bi flixkun.  Chalres Pace pero’ hafer lill-imputat u ma riedx li jittiehdu proceduri kontra l-imputat Michael Sultana.

Rosario Tonna, a fol 49 sa 59, ikkonferma li l-imputat Michael Sultana kien it-tifel naturali tieghu. Rosario Tonna kkonferma li kien inqala’ argument bejn l-imputat u Charles Agius, u li kien indahal il-‘barman’ biex jirrangahom. Rosario Tonna xehed illi huwa ma kienx jaf li ibnu Michael Sultana kellu argument mal-‘barman’ pero’ rah johrog ‘l barra mill-bieb, u ra lill-‘barman’ jaghlaq il-bieb tal-hanut. Wara dan, Rosario Tonna kkonferma li ibnu Michael Sultana beda jaghti fuq il-bieb u ‘**waqghet is-serratura’** (ara xhieda a fol 55).  F’xi hin wara, hareg Tony Pace ‘l barra mill-hanut, u Rosario Tonna hass illi kellu johrog ukoll. Xehed illi huwa ndirizza lil Tony Pace bil-kliem, **‘ghalfejn hrigt ‘l barra biex tkabbar l-argument?’** (ara fol 55 u 56), u kkonferma li waqt li kien qed jghid dan id-diskors, **‘laqqajt daqqa go dahri…kif dort naqla’ daqqa ohra go jdejja, rajt lit-tifel itihieli.**’ Minn hemmhekk hu ttiehed l-isptar.

Rosario Tonna rega’ kkonferma li Michael Sultana kien it-tifel tieghu, u kkonferma wkoll illi xtaq jahfirlu u li kieku ghalih, il-proceduri jieqfu.

Spettur Paul Camilleri, a fol 64 sa 73, esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill-Magistrat Joseph Apap Bologna tat-18 ta’ Novembru 1996, bhala dokument PCX.

A fol 74, Dr David Cachia kkonferma c-certifikat mediku tieghu u kklassifika l-griehi bhala gravi, **‘…jekk hu konfermat li hemm qtugh tal-ghonq tal-muskoli jew**

**tan-nerf'** (ara fol 75). A fol 86, Dr Cachia xehed quddiem din il-Qorti, u rega' kkonferma l-klassifikazzjoni tal-griehi bhala wahda gravi u wasal ghal din il-konkluzjoni: 'billi kellu dik ta' jdejh, kellu t-tendons kienet fonda ta' jdejh.' Mitlub jghid kemm iddum biex tfieq ferita simili, Dr Cachia xehed is-segwenti:

**'dak jiddependi skond x'sabu ghax wara li rajtu l-emergenza tellghuh mill-ewwel it-theatre biex jaraw jekk kienx hemm involviment tat-tendons. Skond x'sabu fit-theatre.'**

Fis-17 ta' Frar 2005, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux provi xi jressaq.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta bla dubju dettat mir-raguni illi l-imputat filfatt minhabba li gie rifjutat 'drink' minn 'barman' qabad argument u sahansitra aggredixxa lill-persuna li ma kellha x'taqsam xejn f'dan l-argument, liema persuna nfatti kienet il-missier naturali tieghu. Dan huwa ammess pjenament fl-istqarrija li l-imputat ghazel li jirrilaxxa bhala stqarrija li tidher a fol 16 u 17 tal-process. Hareg car illi l-imputat fil-hin tal-incident kien ha 'drink' zejjed u filfatt din kienet ir-raguni ghaliex sid il-hanut irrifjuta li jaghtih 'drink' iehor, u l-argument inqala' ghaliex hu hassu avvelit.

Illi ma hemm dubju ta' xejn illi l-imputat kien il-persuna illi kkawza l-griehi ta' Rosario Tonna. Li trid tezamina l-Qorti pero', huwa l-entita' ta' dawn il-griehi fit-terminu tal-ligi. L-Artiklu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa l-Artiklu li jitkellem fuq il-klassifikazzjoni tal-griehi fil-ligi kriminali, u dan jipprovdi s-segwenti:

*'216(1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin –*
*(a) jekk tista' ggib periklu*
*(i) ta' hajja; jew*

*(ii) ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti fil-parti tal-ghamla tal-gisem; inkella*
*(b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;…*
*(d) jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu.'*

Illi mill-Artiklu fuq espost, ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-klassifika ta' dawn il-griehi bla dubju dettat mir-raguni. Illi c-certifikat rilaxxat minn Dr David Cachia huwa kondizzjonali ghall-ahhar. Dan it-tabib kien il-professjonista li ezamina lil Tonna fl-emergenza tal-isptar San Luqa, u rreferih mill-ewwel sabiex issirlu operazzjoni esplorattiva biex jigi identifikat jekk kienx hemm involviment jew qtugh ta' xi tendons jew xi nervituri tal-id.

Din il-Qorti pero', fil-mankanza ta' xhieda ulterjuri tal-kirurgu li ghamel din l-operazzjoni, fil-mankanza ta' prova ta' zmien illi fiha fieqet din il-ferita, f'mankanza ta' provi jekk il-farrett jew din il-lacerazzjoni halliet xi forma ta' sfregju, ma' tista' bl-ebda mod u a sua sponte, tikklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura gravi.

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li din il-ferita nvolviet xi qtugh ta' tendoms jew nervituri tal-id, u ma gabet ebda prova li kien hemm a kawza ta' din il-ferita, xi debulizza permanenti fil-funzjoni tal-id. Illi apparti n-nuqqas tax-xhieda tal-kirurgu li ghamel din l-operazzjoni, il-Prosekuzzjoni di piu', naqset li tistaqsi domandi pertinenti lil Rosario Tonna sabiex almenu tasal ghal xi forma ta' prova dwar it-terminu ta' zmien li fiequ l-feriti li garrab Rosario Tonna.

Di piu', mix-xhieda ta' Dr David Cachia, jirrizulta illi l-griehi li sofra Rosario Tonna f'dahru, kienu superficjali, u ghaldaqstant, wiehed lanqas ma' jista' jehodha bhala pruvata l-griehi ta' natura gravi ghar-rigward il-griehi f'dahar Rosario Tonna (ara xhieda a fol 86 tal-process).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ghandha ebda alternattiva ghajr li tirrikonoxxi l-feriti li garrab Rosario Tonna bhala dawk ta’ natura hafifa. Illi ma hemm dubju ta’ xejn, illi l-griehi li sofra Rosario Tonna twettqu bi strument illi jnigges jew jaqta’, kif del resto ma hemm dubju ta’ xejn li dan l-incident sar bi ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, f’hafna kliem indecenti u oxxen konsistenti f’dagha.

Il-Qorti pero’ rat ukoll li Charles Anthony Pace kif ukoll Rosario Tonna, missier naturali tal-imputat ghazlu li jahfru lill-imputat u li jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kieku jista’ jkun.

Ghar-rigward tal-ahhar akkuza, u cioe’ dik tar-recidiva, il-Qorti rat is-sentenza tat-18 ta’ Novembru 1996, dokument PCX, a fol 66, u rat l-ezenzjoni da parti tad-Difiza mill-htiega tax-xhieda tal-identita’, 9 t’April 2003 (ara fol 63 tal-process).

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, u cioe’ dak li jirrigwardja feriti ta’ natura gravi, pero’ ssibu hati ta’ kagunar ta’ ferita’ ta’ natura hafifa. Di piu’, il-Qorti ssibu hati tat-tielet akkuza, tar-raba’ akkuza, tal-hames akkuza u tas-seba’ akkuza, waqt li ghar-rigward tas-sitt akkuza tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja, u wara li rat l-Artikli 221(1)(2), 217, 338(bb), 338(dd), 339(e), 49, 50 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------